MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 791/2011

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs**

**Dennis Cremona**
**I.D. 365475 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tlett centezmi (€827.03), liema amont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C51020891* moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tliet centezmi (€827.03), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------